**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 106 – IT-TNEJN, ~~25~~ 30 TA' ĠUNJU 2018 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 105**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti ~~104~~ 105**

2.1 Ma kienx hemm punti mtella.

**3 Pagamenti Numru ~~91~~ 93**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 4 favur u 1 kontra.

**4 Management Letter**

4.1 Ġiet innutata l-Management Letter. Għandha tiġi fformulata risposta.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-pjanti ppreżentati mill-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-Cart Ruts. Wara diskussjoni kein hemm qbil li tiġi sottomessa l-

applikazzjoni b'dawn il-pjanti. Għandu jsir komunikazzjoni mal-Lands Authority dwar l-entraturi li saru għal cart ruts.

## 6 Korrispondenza

6.1 Ġiet innutata korrispondeza dwar talba għal bus stop fi Triq Antonio Schembri kantuniera ma' Triq Reġjonali. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġà saret laqgħa ma' TM u ġiet ikkonfermata li hemm ħsieb li ssir bus stop hawn.

6.2 Kien hemm qbil unanimu li jinkera garage fi Triq Vincenzo Hyzler bi prezz ta' 20 Ewro kuljum + VAT.

6.3 Ġie innutat l-arbitraġġ li rċieva l-Kunsill. Għandu jiġi mqabbad l-Avukat tal-Kunsill.

6.4 Kien hemm qbil li l-van tal-Kunsill jittieħed għal manutenzjoni. Għandha tiġi mikrija karozza temporanjament.

6.5 Ġiet innutata li kien hemm refusal għal appeal għal skola fi Triq il-Virdun.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex issir il-linja tan-nofs fi Triq Bella Vista kif ukoll il-markings ta' Triq P P Bezzina. Kien hemm qbil li dawn isiru kif ukoll xi toroq fil-Kappara. Kien hemm qbil ukoll li jiġi rranġat site fi Triq Ibiskus. Kien hemm qbil ukoll li ssir bozza oħra fejn il-picnic area. Għandha ssir laqgħa mal-Perit dwar mountable roundabout fi Triq il-Virdun kantuniera ma' Triq Despott kif ukoll site biex tiġi embellished fi Triq il-Kampanella.

7.2 Is-Sur Neville Mallia lmenta li qed ikun hemm min jarmi fil-passaġġ f'Ta' Żwejt. Għandha titwaħħal tabella biex jinżamm l-indafa.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hemm soft area fi Triq il-Falkun li għandha bżonn manutenzjoni, kif ukoll hemm bżonn li jinbidlu t-tabelli fi Pjazza Lewża biex il-karozzi jipparkjaw bl-exhaust il-barra.

7.4 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex jerġgħu jsiru cameras fil-Knisja kif ukoll barra l-knisja għal waqt il-festa. Kien hemm qbil. Hi talbet ukoll biex issir talba lil RSSL għall-ħaddiema.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Lulju 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Kurt Guillaumier | Etienne Bonello Du Puis |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |